MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 466/2007

**Michael u Fortunato ahwa Bonnici**

**vs**

**Reverendu Dun Francis Bonnici, Victor Bonnici f'ismu proprio u ghan-nom ta' huh imsiefer Thomas Bonnici, Elena mart Angelo Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-24 ta' April 2007 li jghid hekk:

1. Illi l-kontendenti huma lkoll ahwa, ulied il-mejtin Dante u Antonia Bonnici li mietu rispettivament fil-15 ta' Settembru 2006 u 21 ta' Frar 1990 skond certifikati tal-mewt hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti A u B;

2. Illi l-wirt tal-mejta Antonia Bonnici ddevolva fug il-kontendenti u fuq il-mejjet zewgha Dante Bonnici skond

zewg testmenti tad-9 ta' Gunju 1987 fl-atti tan-Nutar Hugh Grima u iehor tat-12 ta' Jannar 1990 fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli fejn hija fost affarijiet ohra, nnominat bhala eredi universali taghha lis-sitt uliedha f'ishma indaqs bejniethom waqt li halliet il-kwart indiviz mill-proprjeta' taghha lil zewgha Dante Bonnici, li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti C u D;

3. Illi l-kontendenti kollha accettaw l-eredita tal-mejta ommhom u immittew lil xulxin fil-pussess tal-legati minnha mhollija skond it-testmenti taghha fuq imsemmija u dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tas-6 ta' Gunju 1991 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument E;

4. Illi l-oggetti mobbili u immobbli mill-wirt ta' Antonia Bonnici ghadhom ma nqasmux bejn il-kontendenti konsistenti fl-ghamara antika li tinsab fid-dar 15a u 16 f'St. Anthony Street, Haz Zebbug soggetti ghall-uzufrutt ta' Rev. Dun Francis Bonnici u Victor Bonnici li taghhom il-kontendenti ghandhom sest indiviz kull wiehed;

5. Illi inoltre mill-wirt ta' Antonia Bonnici ghadhom ma nqasmux mobbli u immobbli il-flus, titoli u kotba li jirrapprezentaw flus kif ukoll id-deheb u hagar prezzjuz li jinsab fil-pussess ta' Elena Agius li taghhom il-kontendenti ghandhom sest indiviz kull wiehed;

6. Illi sussegwentement ghal mewt ta' Antonia Bonnici, l-imsemmi Dante Bonnici ghamel zewg testmenti ohra tal-24 ta' Mejju 1990 fl-atti tan-Nutar Hugh Grima u tal-11 ta' Lulju 1997 fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti F u G;

7. Illi skond dawn iz-zewg testmenti l-imsemmi Dante Bonnici halla diversi pre-legati lil konvenuti biex b'hekk tista' tghid battal l-eredita kollha tieghu favur il-konvenuti minkejja li nnomina bhala eredi universali lil kontendenti skond it-testmenti precedenti tieghu;

8. Illi b'dawn il-legati d-decujus Dante Bonnici ddispona mill-assi tieghu b'mod li lleda l-legittima spettanti lill-atturi mill-wirt tal-mejjet Dante Bonnici;

9. Illi l-konvenuti b'kuntratt tat-3 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Martinelli, li kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkat bhala dokument H iddikjaraw causa mortis l-assi li ppervenew lill-mejjet Dante Bonnici;

10. Illi r-rikorrenti atturi ma jridux jaccettaw l-eredita tal-mejjet Dante Bonnici u jridu jitolbu l-legittima spettanti lilhom skond il-ligi;

11. Illi r-rikorrenti atturi ghandhom dodicesima parti indiviza kull wiehed mill-wirt tal-mejjet Dante Bonnici;

12. Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar in komuni mal-konvenuti ghar-rigward sehemhom tal-legittima lilhom dovuta mill-eredita tal-mejjet Dante Bonnici konsistenti f’proprjeta immobbiljari ossija sehemhom tal-legittima minn hames parti minn tmienja indivizi tal-fondi 15a, 16 u 17 f’St. Anthony Street, Zebbug; kwart indiviz tal-fond 110 Triq Santa Maria, Hal Tarxien; kwart indiviz tal-fond 67 Two Gates Street, Senglea u kwart indiviz tal-fond 51, 52 Simmons Avenue, Hal Tarxien kif ukoll sehemhom mill-flus u titoli li jirrapprezentaw flus iddepositati l-Bank f’isem Dante Bonnici;

13. Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar in komuni mal-konvenuti ghar-rigward sehemhom mill-wirt mobbli u immobbli tal-mejta ommhom Antonia Bonnici konsistenti f’sehemha mid-depositi bankarji li kellha f’isimha jew f’isem zewgha kif ukoll mill-ghamara antika proprjeta taghha u mid-deheb parafernali taghha;

14. Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu ghal likwidazzjoni tal-legittima spettanti lilhom mill-wirt tal-mejjet Dante Bonnici kif ukoll ghal likwidazzjoni ta' sehemhom mill-wirt tal-mejta ommhom Antonia Bonnici konsistenti fl-oggetti mobbili u immobbli li ghadhom ma nqasmux ossija l-ghamara antika u d-deheb proprjeta parafernali taghha u sehemha mill-flus u/ jew titoli

rapprezentanti flus depositati f'isimha u/jew f'isem il-mejjet zewgha Dante Bonnici;

Jghidu l-konvenuti intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn Dante u Antonia Bonnici ossija fuq l-assi tal-mejta genituri;

2. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza tal-assi parafernali mobbiljari u immobbiljari tal-mejta Antonia Bonnici;

3. Tiddividi l-assi mobbiljari u immobbiljari tal-mejta Antonia Bonnici f'sitt ishma ugwali u tassenja kull sehem lil kull kontendent waqt li ghar-rigward l-ghamara li jinsabu fil-fond 15a u 16 St. Anthony Street, Haz Zebbug dawn jibqghu soggetti ghal uzu u l-uzufrutt ta' Rev. Dun Francis Bonnici u Victor Bonnici konguntement bejniethom;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma intitolati ghal legittima dovuta lilhom fuq l-eredita tal-mejjet Dante Bonnici;

5. Tillikwida l-legittima dovuta lill-atturi fuq l-eredita tal-mejjet Dante Bonnici jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-atturi l-legittima spettanti lilhom fuq il-wirt tal-mejjet Dante Bonnici;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Jannar 2007 u bl-ingunzjoni tal- konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi ma jirrisultax li l-atturi rrinunzjaw ghat-tesment kif trid il-ligi;

2. Illi l-istess atturi ghamlu atti ta’ eredi, u ghalhekk huma mwaqqfa milli jaghmlu r-rinunzja, u inoltre ma giet leza l-ebda dritt tal-porzjoni riservata;

3. Illi dwar il-legittima, jekk kellha tigi deciza li ghandha tinghata lill-atturi flok il-wirt, trid tigi kalkulata wkoll fuq dak li hadu l-atturi taht titlu gratwit, jew mohbi taht xi titlu, meta fil-fatt kienet donazzjoni mohbija;

4. Illi l-legati li Dante Bonnici ghamilhom minhabba s-servigi resi lilu u lil martu, u dan huwa dejn tal-assi tal-genituri tal-partijiet li jrid jidhol fil-kejl;

5. Illi Fortunato Bonnici diga iddispona mil-legat lilu mholli, u ghalhekk illum l-anqas jista' jitqies li jregghu lura u jiehu minf/ok il-legittima;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-13 ta’ Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

It-talbiet attrici huma dupplici, l-ewwel wahda immirata lejn il-qsim ta’ dak li fadal mill-eredita ta’ Antonia Bonnici omm il-kontendenti li mietet fil-21 ta’ Frar 1990 u t-tieni wahda hi immirata biex l-atturi jiehdu l-legittima jew kif inhi maghrufa llum ’is-sehem riservat’ dovuta lilhom mill-assi ereditarju ta’ missierhom Dante Bonnici li miet fil-15 ta’ Settembru 2006.

Jirrizulta lil din il-Qorti illi l-konjugi Bonnici kellhom sitt itfal ilkoll kontendenti f’din il-kawza. Jirrizulta wkoll illi l-konjugi Bonnici ghamlu tlett testmenti. Sar testment unica charta tad-9 ta’ Gunju 1987 atti tan-Nutar Hugh Grima (fol. 7 tal-process). Sar testment minn Antonia Bonnici wahedha fit-12 ta’ Jannar 1990 atti Nutar Carmel Martinelli fejn gie mibdul l-artikolu 6(1) tat-testment unica charta. Sar

testment minn Dante Bonnici wara l-mewt ta' martu fil-24 ta' Mejju 1990 fejn zdied il-paragrafu 5(a) mit-testment tad-9 ta' Gunju 1987.

**Qsim tal-beni rimanenti mill-assi ereditarju ta' Antonia Bonnici**

Qabel xejn irid jigi identifikat x'kien jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti u dak parafernali bejn il-konjugi Bonnici.

Il-Qorti tqis illi hemm qbil illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Bonnici kienet tikkonsisti fis-segwenti cioe
a. il-fondi 15A St. Anthony Street, Zebbug; 16 St. Anthony Street, Zebbug; 17 St. Anthony Street, Zebbug;
b. depoziti bankarji fl-ammont ta' Lm10,923;
c. ghamara w oggetti fil-fond 16 St. Anthony Street, Zebbug li dwaru hemm nuqqas ta' qbiel jekk dawn jappartjenux kollha lil komunjoni tal-akkwisti jew l-assi parafernali ta' Antonia Bonnici kif allega l-attur Michael Bonnici. Hemm nuqqas ta' kjarezza fix-xiehda pero jirrizulta illi fid-denunzja ta' Antonia Bonnici, gie dikjarat valur ghall-ghamara bhala konsistenti nofs il-komunjoni tal-akkwisti. Hemm ukoll stima (ara fol. 251 et seq. tal-process). Il-Qorti hi propensa li taghti piz akbar lil dak dikjarat minn Dante Bonnici fid-denunzja ta' martu u tqis illi l-ghamara w oggetti fid-dar numru 16 St. Anthony Street, Zebbug kienu jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti u li ghalhekk nofsha hi ta' Antonia Bonnici u dan a bazi tal-prezunzjoni tal-ligi dwar il-komunjoni tal-akkwisti. Il-valur tad-denunzja mhux ser ighin lil Qorti tasal ghal xi konkluzjoni kemm minhabba meta sar u tenut kont kif kienu jsiru d-denunzji dak iz-zmien u l-valuri dikjarati. In ogni kaz lanqas hemm indikazzjoni f'hiex kienet tikkonsisti l-ghamara.

d. deheb – gew prezentati zewg kaxex deheb lill-istimatur tal-Qorti. Hawn ukoll ma ngibitx prova cara lil min jappartjeni dan id-deheb ghalkemm wiehed jista' jikkongetta li x'aktarx dan id-deheb kien parafernali ta' omm il-kontendenti u gabitu maghha fiz-zwieg. Pero hawn ukoll id-denunzja tindika gioellerija li kienet tifforma parti

mill-komunjoni tal-akkwisti. Ma kemmx prova cara jekk hux id-deheb kollu li kien jifforma parti mill-komunjoni billi d-denunzja ma tispecifikax l-oggetti specifici tad-deheb kif ma tispecifikax dwar l-ghamara. Ghalhekk il-Qorti hi propensa li tqis id-deheb bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwsiti la ma hemmx prova li kien jappartjeni biss lill-omm. Helen Agius tichad li ommha tatha d-deheb taghha bhala dota u esebiet skrittura li tghid hekk datata 23 ta’ Gunju 1978 iffirmata minn ommha. Hi pero izzid li ommha zammet dan id-deheb. Il-Qorti ma tqis bhala plawsibbli tali allegazzjoni. L-ewwel nett l-iskrittura ma tispecifikax f’hiex jikkonsisti ’d-deheb’ u fit-tieni lok l-iskrittura hi cara u tghid li Antonia Bonnici tat id-deheb lil bintha bhala dota u ma hemmx ebda riserva. Il-prezunzjoni legali fl-iskrittura trid tigi mnehhija bi provi cari li juru mod iehor. Izda dan ma sarx fil-fehma tal-Qorti u x-xiehda ta’ Helen Bonnici wahedha mhix bizzejjed biex jannulla dak li hemm miktub. Bl-istess mod ma ngibitx prova li l-atturi jew in-nisa taghhom inghataw ukoll xi deheb f’hajjet Antonia jew Dante Bonnici.

Il-beni parafernali ta’ Antonia Bonnici kienu jikkonsistu fis-segwenti:
a. 110 jew 119/120 St. Mary Street, Tarxien;
b. 51 Simmons Avenue, Tarxien;
c. 52 Simmons Avenue, Tarxien;
d. 67 Two Gate Street, Tarxien;
e. cens perpetwu ta’ 206/207 Victory Street, Senglea.

Skond it-testment unica charta tad-9 ta’ Gunju 1987 Antonia Bonnici halliet kwart mill-wirt taghha lil Dante Bonnici (ara fol. 7 et seq. tal-process) kif ukoll l-uzufrutt tal-bqija tal-gid taghha.

Hallew b’legat lil Dun Francis Bonnici u Victor Bonnici d-dar 16 St. Anthony Street, Zebbug u l-uzufrutt tal-bqija tal-ghamara u mobbli minbarra flus jew kotba li jirraprezentaw flus. Eskluz minn dan il-prelegat kienu l-ambjenti tal-ispizerija bin-numru 15A St. Anthony Street, Zebbug. Inkluz f’dan il-prelegat kien hemm ukoll id-dritt ta’ binthom Helen Agius u familtha li tabita fil-fond 16 St. Anthony Street, Zebbug bla hlas, u l-istess kien japplika

ghal binhom Thomas Bonnici sakemm ma jkollux dar tieghu f'Malta.

Hallew b'legat lil Michael Bonnici l-fond 68 Two Gates Street, Senglea.

Hallew lil Fortunato l-fondi 51 u 52 Simmons Avenue, Tarxien pero bit-testment taghha tat-12 ta' Jannar 1990 (fol. 12 et seq. tal-process) Antonia Bonnici halliet il-fond 51 Simmons Avenue, Tarxien lil Helen Agius.

Hallew b'legat lil Thomas Bonnici l-fond 119/120 St. Mary Street, Tarxien.

Hallew b'legat lil Helen Agius il-fond 17 St. Anthony Street, Zebbug u d-dirett dominju perpetwu u cens relattiv ta' Lm9 tal-fond 206/207 Victory Street, Senglea.

Istitwew lis-sitt uliedhom eredi.

Kwindi mal-mewt ta' Antonia Bonnici jirrizulta illi in kwantu ghal gid parafenali ta' Antonia Bonnici, Dante Bonnici kien sid ta' wiehed minn erba mill-fondi 119/120 St. Mary Street, Tarxien, 51 u 52 Simmons Avenue, Tarxien, 67 Two Gate Street, Tarxien, tad-dirett dominju perpetwu fuq il-fond 206/207 Victory Street, Senglea, filwaqt li l-ulied kienu legatarji tal-bqija kif jirrizulta aktar il-fuq. Mill-komunjoni tal-akkwsiti jirrizulta illi Dante Bonnici kien sid ta' hamsa minn tmienja (1/2 + 1/8) tal-fondi 15A, 16 u 17 St .Anthony Street, Zebbug. Il-bqija tal-fond 16 kien jappartjeni lil Dun Frans Bonnici u Victor Bonnici, il-bqija tal-fond 17 kien jappartjeni lil Helen Agius u l-bqija tal-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug kien jappartjeni lill-eredi cioe l-ulied kollha.

B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tas-6 ta' Gunju 1991 saret l-immissjoni fil-pussess tal-eredita ta' Antonia Bonnici bejn Dante Bonnici w uliedu kollha. L-immissjoni fil-pussess bejn il-kontendenti u missierhom timplika necessarjament l-accettazzjoni tal-eredita ta' Antonia Bonnici u fil-fatt ma hemm ebda disputa bejn il-

kontendenti dwar dan, tant li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jirrigwardaw il-wirt ta' Dante Bonnici biss.

Ghalhekk minn dak li l-Qorti setghet tikkonkludi mill-atti cioe mit-testmenti ta' Antonia Bonnici u l-immissjoni fil-pussess hu illi dak li mhux maqsum mill-eredita ta' Antonia Bonnici wara l-mewt taghha u l-immissjoni fil-pusses hu s-segwenti:
a. 3/8 mill-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug (billi nofsu kien jappartjeni lil Dante Bonnici u kwart wirtu minghand martu);
b. nofs l-ghamara w oggetti mobbli fil-fond 16 St. Anthony Street, Zebbug soggett ghall-uzufrutt favur Dun Frans Bonnici u Victor Bonnici;
c. nofs id-deheb li jirrizulta ezistenti llum billi l-allegazzjonijiet ta' tehid ta' deheb minn diversi membri tal-familja ma jirrizultax ippruvat;
d. nofs id-depoziti bankarji tal-konjugi Bonnici.

Saru wkoll provi dwar il-Prebenda Canonicale li mill-provi jidher li kienet in parti tappartjeni lil Antonia Bonnici u in parti lil Dante Bonnici. Din il-Qorti qed tiskarta t-tezi li xi parti minn din il-Prebenda tappartjeni lil Antonia Bonnici u dan a bazi ta' dak li ser jinghad aktar 'l quddiem dwar l-assi ta' Dante Bonnici.

Qabel pero tigi konkluza din il-parti tal-vertenza rigward il-beni ta' Antonia Bonnici, tajjeb li wiehed jara jekk it-testment ta' Dante Bonnici bidilx is-sitwazzjoni. Dante Bonnici ghamel testment fl-24 ta' Mejju 1990 (fol. 17 et seq. tal-process) atti Nutar Hugh Grima fejn ikkonferma t-testment unica charta tad-9 ta' Gunju 1987, pero hu halla b'legat lil Helen Agius l-intier tal-ambjenti tal-ispizerija cioe 15A St. Anthony Street, Zebbug u ddikjara li kien jaf li mhux kollu jappartjeni lilu. Dan hu legat di cosa altrui pemess mill-ligi (ara artikolu 696 Kap. 16) fejn it-testatur jista' jimponi fuq l-eredi li jakkwista l-oggett ghal legatarju jew li jaghtih il-valur gust tieghu. Jirrizulta illi fil-fatt Dante Bonnici kien proprjetarju ta' 5/8 mill-fond fuq imsemmi u r-rimanenti 3/8 kienu jappartjenu lil Antonia Bonnici u skond it-testmenti taghha halliet dan is-sehem lill-eredi cioe s-sitt uliedha indivizament bejniethom.

Is-sitwazzjoni legali ghalhekk illum ghandha tkun fis-sens illi l-porzjoni ta’ 3/8 tal-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug baqa’ jifforma parti mill-eredita ta’ Antonia Bonnici mhollija lill-eredi cioe s-sitt uliedha w illi dan il-porzjon baqa’ indiviz. Hu minnu illi Dante Bonnici impona piz fuq l-eredita tieghu billi rabat lill-eredi bix-xiri jew il-kumpens tal-valur ta’ dan is-sehem pero dan bl-ebda mod ma jippregudika lill-eredi ta’ Antonia Bonnici li jaqsmu dan is-sehem bejniethom avolja f’dan il-kaz ser jirrizulta biss fi qsim tal-valur ta’ dan il-porzjon fil-mument tal-qasma. Is-sitwazzjoni kkomplikat ruhha ghax l-atturi mhux qed jaccettaw il-wirt ta’ missierhom izda zammew ferm id-dritt ghal legittima u l-fatt li l-porzjon ta’ 3/8 tal-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug ghadu ma nqasamx ma jfissirx li tilfu d-dritt ghal sehemhom minghand l-eredi l-ohra li la darba accettaw il-wirt ta’ missierhom dahlu ghal pizijiet kollha konnessi ma’ tali wirt oltre l-beneficji.

Kwindi hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi t-testment ta’ Dante Bonnici tal-24 ta’ Mejju 1990 ma setax ibiddel il-pozizzjoni legali tal-beneficji gia akkwiziti mill-eredi ta’ Antonia Bonnici mit-testmenti taghha ghalkemm it-testment ta’ Dante Bonnici tal-1990 ser jinfluixxi fuq il-komputazzjoni tal-assi u debiti tieghu ghal fini ta’ formazzjoni tal-assi ereditarji tieghu biex imbaghad jittiehed is-sehem rizervat.

In kwantu ghad depoziti bankarji din il-Qorti tqis li ma ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni dawn l-assi fil-qsim ta’ dak li fadal x’jinqasam mill-wirt ta’ Antonia Bonnici. Hemm divergenza bejn il-partijiet x’sar mill-assi bankarji ta’ Antonia Bonnici elenkati a fol. 424 tal-process (Dok. VB1), u giet esebita skrittura fejn l-ahwa trasferew sehem ommhom u li mess lilhom,lil missierhom. Pero din l-iskrittura datata Jannar 1990 (Dok. VB10 a fol. 435 tal-process) mhix iffirmata. Din il-Qorti pero tqis illi l-ahwa akkonsentew ghal dan it-trasferiment billi jirrizulta illi Dante Bonnici hallas il-kont tad-denunzja ta’ Antonia Bonnici li kien jinkludi anki sehem il-legatarji, kemm mill-assi bankarji f’ismu u anki f’isem martu. Inoltre jidher li meta miet l-assi bankarji kienu kollha fuq ismu. Dawn il-kunsiderazzjonijiet wasslu lil Qorti ghal konkluzjoni illi l-

eredi cioe wlied Antonia Bonnici kienu irrinunzjaw ghal sehemhom minn dak li kien fadal mill-assi bankarji ta' ommhom wara l-hlas tat-taxxa li sar bil-mod fuq spjegat favur missierhom tant li l-kotba tal-bank ezistenti llum huma kollha f'isem Dante Bonnici haga li ma setghetx issehh jekk mhux bil-kunsens tal-eredi ta' Antonia Bonnici inkluz l-atturi.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi mill-assi ereditarji ta' Antonia Bonnici jonqos li jinqasmu s-segwenti:
a. 3/8 tal-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug valutat mill-perit tekniku Alan Saliba €42,000 = €15,750;
b. 3/8 tal-ghamara w oggetti mobbli ezistenti fil-fond 16 St. Anthony Street, Tarxien valutati mill-istrimatur Pierre Grech Pillow imqabbad mill-Qorti €47,515 = €17,818 soggett pero ghall-uzufrutt kif spjegat aktar il-quddiem;
c. 3/8 tad-deheb ukoll valutati mill-istimatur Pierre Grech Pillow €4,000 = €1,500.

B'hekk il-valur komplessiv ta' dak li ghandu jinqasam hu ta' €35,068 u billi hemm sitt eredi, is-sehem ta' kull wiehed minnhom ta' €5,844.68.

Hu minnu illi f'din il-parti tal-azzjoni attrici, cioe qasma tal-gid li gej mill-wirt il-ligi tordna li ghandhom jitharsu r-regoli tal-qsim tal-beni komuni u tal-licitazzjoni, fejn ikun il-kaz. Dawn ir-regoli huma principalment (1) li kull wiehed mill-koproprjetarji ghandu jiehu s-sehem dovut lilu n-natura; u (2) li f'kull sehem ghandu jiddahhal l-istess kwantita ta' immobbli, mobbli, jeddijiet jew krediti ohra komprizi fil-beni tal-qasma; (3) li l-ishma hekk formati jitellghu bix-xorti, jekk ikunu indaqs fin-natura altrimenti jidher li l-gurisprudenza taghna taghti l-fakolta li l-qasma ssir per assenjazzjoni b'ekwiparazzjoni, fejn jehtieg, li ma ghandhiex tkun wisq oneruza.

Fil-kaz prezenti ma hemmx il-possibilita li l-ishma jistghu jinqasmu b'mod indaqs b'kull eredi jiehu sehem identiku bhal tal-iehor. Hemm biss parti indiviza minn proprjeta immobbli wahda, u in kwantu ghall-ghamara u d-deheb ghalkemm divizibbli, pero hu biss sehem ta' tlieta minn tmienja li kienet tappartjeni lil Antonia Bonnici u d-diffikulta

ta’ din il-Qorti hi dwar liema oggetti ghandhom jiffurmaw dan is-sehem b’tali mod illi l-mobbli u d-deheb ma jigux sparpaljati b’manjiera illi kull wiehed jiehu parti minn assiem li mehud wahdu jista’ ma jkollux l-istess valur daqs li kieku thalla fl-intier tieghu. Hemm il-problema wkoll illi fl-ebda stadju l-partijiet ma ppruvaw illi dak li hu divizibbli mir-rimanenza tal-wirt, jigi diviz bejniethom jew jintalab pjan ta’ divizjoni ta’ dak divizibbli bil-problemi gia mqajma aktar il-fuq.

Il-Qorti trid, kif del resto jridu l-partijiet, illi jkun hemm ’closure’ definittiv, car u permanenti bejn il-partijiet dwar dak li fadal x’jinqasam mill-wirt tal-omm.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-atturi ghandhom jippercepixxu sehemhom mill-wirt ta’ ommhom fi flus per assenjazzjoni maghmula mill-eredi l-ohra. Dan ghandu jsir billi l-istess konvenuti cioe l-uzufruttwarji Dun Francis Bonnici u Victor Bonnici jirrinunzjaw ghall-uzufrutt fuq l-effetti mobbli fil-konfront tal-atturi biex dawn jiehdu sehemhom mill-ewwel fi flus. F’dan is-sens ghandu jkun hemm korrispettiv imhallas mill-atturi u arbitrio u boni viri, l-atturi ghandhom jircevu minghand il-konvenuti indivizament bejniethom is-somma ta’ €5,000 (flok €5,844.68) kull wiehed in sodisfazzjon tad-drittijiet li ghandhom fuq l-assi ta’ Antonia Bonnici. Il-konvenuti ghalhekk jibqghu ko-proprjetarji bejniethom tal-assi fuq indikati ta’ Antonia Bonnici salv is-sehem mill-proprjeta ta’ 15A St. Anthony Street, Zebbug li skond l-ahhar testment ta’ Dante Bonnici thalla lil Helen Agius u li l-eredi l-ohra accettaw u obbligati jaghtu effett ghalih, kif ukoll l-uzufrutt fuq il-mobbli favur Dun Frans u Victor ahwa Bonnici.

Fil-valutazzjonijiet il-Qorti ma qisitx argumenti dwar hlasijiet ta’ taxxa ta’ successjoni fuq il-wirt ta’ Antonia Bonnici dovuti mill-eredi individwalment jew aggunti ta’ hlasijiet ta’ taxxa fuq trasferiment tal-farmacija gestita mill-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug billi kif inghad, il-partijiet jidher li ftehmu li l-missier kien ser ihallas kollox kif il-fatt ghamel hu u l-bqija tal-assi bankarji jibqghu bhallikieku kienu tieghu.

**Legittima**

It-tieni parti tat-talbiet attrici jirreferu ghal pretensjoni taghhom ghal legittima mill-wirt ta' missierhom Dante Bonnici.

Il-konvenuti jopponu ghal din it-talba billi fl-ewwel lok ighidu li ma jirrizultax illi l-atturi rrinunzjaw ghat-testment kif trid il-ligi.

Din l-eccezzjoni hi infondata. L-atturi esebew ir-rinunzja ghal wirt ta' Dante Bonnici fl-10 ta' Dicembru 2007 b'nota fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) u d-digriet igib in-numru 656/2007 (fol. 57 et seq. tal-process).

Lanqas ma japplika l-argument imressaq mill-konvenuti illi l-artikolu 869 japplika ghall-atturi u kwindi n-nota ta' rikunzja hi nulla ghax saret aktar min tlett xhur mill-ftuh tas-successjoni. Dan l-artikolu japplika meta l-eredi (f'dan il-kaz l-atturi qabel ir-rinunzja) jkun <u>fil-pussess tal-hwejjeg tal-wirt</u> li mhux il-kaz prezenti u kwindi t-terminu ta' tlett xhur mhux applikabbli f'dan il-kaz.

Sar argument mill-konvenuti illi l-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess li sar fis-6 ta' Gunju 1991 (fol. 440 et seq. tal-process) jimplika accettazzjoni tal-wirt ta' Dante Bonnici jew almenu 'pussess' tal-wirt tieghu. Dan l-argument hu fallaci. Hu minnu illi dan il-kuntratt ma hu xejn felici bil-mod kif gie redatt. Il-kuntratt, gustament kien intestat immissjoni fil-pusses u bejgh. L-immissjoni fil-pussess hu tal-legati mhollija minn Antonia Bonnici lil uliedha u l-bejgh jirrigwarda l-uzufrutt li kellu Dante Bonnici fuq il-fond 52 Simmons Avenue, Tarxien lil ibnu Fortunato. Jidher pero illi l-immissjoni fiha kwoti zbaljati peress li l-ulied legatarji gew immessi fil-pussess ta' kwota mill-proprjeta li kienet tappartjeni lil Dante mill-wirt ta' martu stess skond it-testment unica charta taghhom. B'daqshekk pero ma jfissirx illi Dante irrinunzja ghal xi proprjeta li taghha kien sar proprjetarju mal-ftuh tas-successjoni ta' martu, jew li ghalhekk il-legatarji gew fil-pussess tal-wirt tal-missier li kien ghadu haj meta sar il-kuntratt. L-aktar li jista' jinghad hu li l-kwoti indikati huma zbaljati u fil-fatt Dante kien u

baqa' proprjetarju tal-kwota mhollija lilu minn martu ta' dak li kien komunjoni bejn il-konjugi Bonnici jew parafernali ta' Antonia Bonnici. Trasferiment ta' immobbli irrid jirrizulta minn att pubbliku car. Zball f'deskrizzjoni ta' kwota f'kuntratt dikjaratorju ma timplikax trasferiment ta' dik il-kwota iktar u aktar meta l-kuntratt jirreferi biss ghal immissjoni fil-pussess ta' legati ta' Antonia Bonnici. Imkien ma jirrizulta li Danta Bonnici biegh jew ittrasferixxa b'xi mod iehor sehmu mill-wirt ta' martu hlief, kif jirrizulta mill-istess kuntratt, il-bejgh tal-uzufrutt fuq il-fond 52 Simmons Avenue, Tarxien li jkompli jikkonferma dak li qed jigi kunsidrat minn din il-Qorti rigward il-portata tal-kuntratt tas-6 ta' Gunju 1991. Imkien ma rrizulta li Dante Bonnici iddispona minn sehmu, fl-imsemmi kuntratt u lanqas minn imkien iehor u kwindi ma jistax jinghad li l-atturi kellhom il-pussess semplicement ghax il-kuntratt ta' immissjoni hu zbaljat fl-indikazzjoni tal-kwota spettanti <u>l-wirt ta' Antonia Bonnici.</u>

Il-konvenuti qed ighidu wkoll illi l-atturi ghamlu atti di erede u ghalhekk ma jistghux jirrinunzjaw. Din l-eccezzjoni wkoll hi nieqsa minn kull prova li tissostanzjha, prova li kellha tingieb mill-konvenuti anzi kemm Victor Bonnici u Helen Agius in kontroezami jammettu li l-atturi ma hadu xejn mill-wirt ta' Dante Bonnici. Hemm il-kwistjoni tal-bejgh da parti ta' Michael Bonnici ta' kwart indiviz mill-fond 52 Simmons Avenue, Tarxien liema kwart indiviz kien jappartjeni lil Dante Bonnici. Pero dan il-kwart inbiegh f'hajjet Dante Bonnici u kwindi ma jistghax jigi kwalifikat bhala atto di erede da parti ta' Michael Bonnici. Il-konsegwenza ta' dan l-att pero ser jigi ezaminat 'l quddiem.

Qabel ma jigu trattati l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti fil-mertu dwar dak li jikkomprendi l-assi ta' Dante Bonnici ghal finijiet ta' komputazzjoni ta' legittima, hu tajjeb li jigi ezaminat it-tifsira tal-legittima u x'inhu kompriz fiha.

Il-legittima jew is-sehem riservat kif qed tissejjah illum wara l-emendi li saru u dahlu fis-sehh fl-2005, liema emendi japplikaw billi Dante Bonnici miet fl-2006, hi s-sehem ta' kull wild mill-wirt tal-genitur tieghu moghti lilu

bil-ligi. Dan is-sehem hu kreditu tal-legittimarju fuq il-wirt u t-talba ssir kontra l-werriet. Biex wild jitlob il-legittima irid ikun irrinunzja ghal wirt, jekk kien indikat bhala werriet mit-testatur jew ope legis. Din ir-rinunzja saret miz-zewg atturi kif trid il-ligi. Il-kreditu hu percepibbli fuq il-gid tal-mejjet fil-mument tal-mewt tal-istess decuius, jew idejalment jiddahhal fil-wirt jekk il-mejjet ikun f'hajtu iddispona b'liberalita minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Is-sehem rizervat jinhadem ghalhekk fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta' b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' zwieg) wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazjonabbli li l-legittimarju jkun ha minghand it-testatur.

Billi f'dan il-kaz il-missier kellu sitt ulied is-sehem riservat ghandu jkun nofs ta' gidu skond il-ligi liema sehem jinqasam bejn dawk kollha li legittimament imisshom minnu inkluz ghalhekk l-ulied li thallew eredi u dawk li thallew barra. F'dan il-kaz hemm sitt ulied u ghalhekk is-sehem riservat hu ta' wiehed minn tnax (1/12) lil kull wiehed mill-atturi.

Hu wkoll pacifiku li s-sehem riservat igib l-imghax li jibda jiddekorri minn dakinhar tal-ftuh tal-wirt, imma dan jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil legittimarju.

Il-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jkun kemm kien jiswa l-gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iz-zmien. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et** (App Civ 28/01/2005):
"li, ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni"

Applikati dawn il-principji ghal kaz in kwistjoni jirrizulta illi l-perit tekniku nominat mill-Qorti ghamel stima tal-proprjetajiet kollha liema stima ma gietx kontestata mill-partijiet u ghalkemm din il-Qorti tirrileva illi l-istimi ma jindikawx jekk humiex dawk vigenti fl-2006 jew illum, din il-Qorti ser tuza lilhom billi l-partijiet ma ghamlu ebda oggezzjoni ghalihom. L-istess jinghad ghal valutazzjoni tal-mobbli u deheb li saru mill-istimatur Pierre Grech Pillow nominat mill-Qorti.

L-assi ta' Dante Bonnici li skond din il-Qorti kienu fil-mument tal-mewt tieghu kienu jikkomprendu l-beni tieghu kienu s-segwenti:
5/8 tal-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug (1/2 komunjoni u ¼ mholli minn martu) valutat €42,000 = €26,250
5/8 tal-fond 16 St. Anthony Street, Zebbug (1/2 komunjoni u ¼ mholli minn martu) valutat €520,000 = €325,000
5/8 tal-fond 17 St. Anthony Street, Zebbug (1/2 komunjoni u ¼ mholli minn martu) valutat €75,000 = €46,875
¼ 119/120 (110) St. Mary Street, Tarxien (mholli minn martu) valutat €105,000 = €26,250
¼ 67 Two Gates Street, Senglea valutat €75,000 = €18,750
¼ 51 Simmons Avenue, Tarxien valutat €42,000 = €10,500
Depositi bankarji f'ismu u flus id-dar ammontanti ghal €22,966.81
5.98% tal-Prebenda Canonicale tal-Isla - skond stima tal-Perit Alan Saliba fil-kawza **Miriam Cremona pro et noe vs Michael Bonnici** (rikors guramentat nru. 123/2011) jammonta ghal €62,000 = €3,707.60
5/8 tal-mobbli u ghamara valutat €47,510 = €29,693.75
5/8 tad-deheb valutat €4,000 = €2,500
Donazzjoni maghmula minn Dante Bonnici lil Fortunato Bonnici fl-14 ta' Lulju 1991 = €6,990

B'kollox ghalhekk l-assi jammontaw ghal €519,483.16.

In kwantu ghal Prebenda Canonicale din il-Qorti hi a konjizzjoni tal-fatt illi hemm sentenza ta' din il-Qorti stess kif presjeduta fl-ismijiet **Miriam Cremona et vs Michael**

**Bonnici et** deciza fl-14 ta’ Frar 2012 (rikors guramentat 123/2011) fejn din il-Qorti akkonsentiet ghal bejgh tal-fondi mertu tal-Prebenda Canonicale a bazi ta’ talba li saret minn uhud mill-kopropjetarji taht l-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 fejn allura r-rikavat tal-ishma kollha ghandu jigi diviz kif ordnat il-Qorti bejn il-koproprjetarji kollha inkluz il-kontendenti. F’dik il-kawza gie accertat illi Dante Bonnici kellu sehem ta’ 5.98% minn din il-Prebenda. Din it-talba saret mill-koproprjetarji inkluzi l-konvenuti f’din il-kawza. Inoltre fis-sentenza precitata l-atturi f’din il-kawza sostnew li ma kellhom ebda sehem minn din il-proprjeta billi huma rrinunzjaw ghal wirt ta’ Dante Bonnici u kienu qed jitolbu l-legittima biss minn dan il-wirt. Ma ziedu xejn aktar. Minhabba f’dan u bla pregudizzju ghall-atturi f’din il-kawza rigward is-sehem ta’ Dante Bonnici li ovvjament hu soggett ghat-talba ghal legittima, din il-Prebenda Canonicale tirrizulta llum ezawrita.

Il-konvenuti fit-tielet eccezzjoni taghhom qed jallegaw li ma’ dan l-attiv ghandu jitqies ukoll dak li allegatment gie msejjah bhala bejgh bejn Dante Bonnici u Michael Bonnici permezz ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Novembru 1980 liema skrittura tinsab a fol. 246 et seq. tal process. F’din l-iskrittura Dante Bonnici biegh lil Michael Bonnici l-merkanzija ezistenti fl-ispizerja u store (liema spizerija kienet gestita minn Dante Bonnici mill-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug) li kienet tikkonsisti fi stock ta’ medicina, oggetti kosmetici, strumenti ta’ spizerija, ghamara u oggetti mobbli bil-prezz konvenut ta’ Lm5,146. F’dan il-bejgh kien inkluz ukoll l-avvjament tal-ispizerija verso l-prezz ta’ Lm1,200.

Il-partijiet jaqblu illi dan il-bejgh sehh u l-prezz thallas. Jaqblu wkoll illi Michael Bonnici ma ghadux jiggestixxi l-ispizerija minn dan il-fond.

Dak li ma jaqblux fuqu hu jekk l-prezz kienx wiehed realistiku u illi t-trasferiment ghalhekk kienx wiehed oneruz. Il-konvenuti jallegaw illi dan il-ftehim kien parzjalment simulat billi kien gratwit stante li l-prezz ma kienx jirrifletti l-valur veru tal-bejgh. Tant hu hekk li l-konvenuti jikkontendu li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien

snin wara rreveda dan il-ftehim u zied il-valur bi Lm3,000 u kellha tithallas taxxa zejda bhala capital gains minn Dante Bonnici. Inoltre l-istess Michael Bonnici zmien wara kien offra li jbiegh l-avvjament tal-ispizerija lil hutu bil-prezz ta' bejn Lm40,000 u Lm50,000 (ara fol. 469 tal-process li jindika d-data bhala 28 ta' Frar 1995).

Din il-Qorti ma konsidratx valida din l-allegazzjoni ghal-fatt illi din l-iskrittura saret fl-1980 meta l-konjugi Dante u Antonia Bonnici kienu ghadhom it-tnejn hajjin. Ghalkemm fuq l-iskrittura jidher Dante Bonnici pero dan kien il-kaz billi f'dak iz-zmien seta' jidher biss ir-ragel bhala kap tal-komunjoni tal-akkwist fuq kuntratt ta' trasferiment. B'daqshekk ma jfissirx li Dante Bonnici deher f'ismu biss izda legalment kien qed jorbot ukoll lil martu bhala ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti. L-ispizerija kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti billi ma hemmx prova kuntrarja.

In kwantu ghal licenzja li kienet tkopri l-ispizerija li fuqha ghamlu ilment specifiku l-konvenuti l-istess argumenti maghmula qabel japplikaw. Fl-ewwel lok il-licenzja hi parti mill-avvjament liema avvjament gie trasferit bl-iskrittura tal-4 ta' Novembru 1980.

Inoltre l-hlas tal-licenzja b'ricevuti fuq mart Michael Bonnici esebiti mill-konvenuti Helen Bonnici mhix prova li l-licenzja giet trasferita lilha. Il-hlas ma jindikax trasferiment tant hu hekk li f'ittra esebita mill-konvenut Victor Bonnici a fol. 534 tal-process kien intalab bdil tal-indirizz tal-ispizerja minn Michael Bonnici mhux minn martu. Inoltre din l-ircevuta (fol. 518 tal-process) tirrisali ghal 1996, cioe sittax-il sena wara li saret l-iskrittura w anki jekk ghal grazzja tal-argument il-licenzja giet tghajjat lil mart Michael Bonnici ma saret ebda prova li fil-fatt il-licenzja kienet giet trasferita lilha direttament minn Dante Bonnici u jekk dan hu il-kaz ir-raguni li ghalih seta' sar lanqas ma jirrizulta jekk fil-fatt kienx Michael Bonnici stess li ttrasferixxa l-licenzja fuq martu ghal xi skop ekonomiku jew finanzjarju. Il-konvenuti ma jistghux jistriehu fuq kongetturi biex jinqalghu kwistjonijiet li messhom tqajjmu bi proceduri ad hoc u fi zmien appozitu.

Dan it-trasferiment u hlas li sar ma giex attakkat fl-ebda mument fil-hajja tal-genituri tal-kontendenti kif kellu jsir. Hu fatt illi l-wirt ta’ Antonia Bonnici gie accettat fl-intier tieghu. Kwindi gie accettat bhala validu u veritier dak kollu li sar f’hajjitha inkluz anki t-trasferiment tal-ispizerija. Mhux lecitu ghalhekk f’dan l-istadju illi l-konvenuti jattakkaw trasferiment li huma taw il-kunsens implicitu ghalih meta huma accettaw il-wirt tal-omm b’dak kollu li kien fadal minnu li zgur ma kienx jinkludi ebda parti mit-trasferiment tal-ispizerija u l-kontenut taghha.

Il-konvenuti ma jistghux fl-istess nifs jallegaw li t-trasferiment kien tajjeb fil-konfront tal-omm izda monk fil-konfront tal-missier. It-trasferiment tal-oggett kien wiehed indivizibbli fil-kontenut u fil-konsegwenzi legali emanenti minnu. Ghalhekk din l-allegazzjoni tal-konvenuti qed tigi skartata mill-Qorti.

Mhux hekk biss izda din il-Qorti izzid illi dan kien kuntratt ta’ bejgh validu u l-kuntratti huma prova ta’ dak kontenut u pattwit. Mhux lecitu ghall-konvenuti li f’din l-azzjoni jisservew bi proceduri ghal legittima sabiex jintavolaw dak li in effett hi kawza ohra biex jigi dikjarat li kuntratt ma kienx dak li jidher. Dan kellu u messu sar bi proceduri appoziti fejn jigi attakkat kuntratt ta’ bejgh u wara li jigi determinat l-ezitu ta’ dik il-vertenza jittiehed kont f’din il-vertenza qua komputazzjoni ta’ assi ghal finijiet ta’ legittima.

Qed jigi allegat ukoll mill-konvenuti fil-hames eccezzjoni taghhom illi Fortunato Bonnici ddispona mill-legat mholli lilu u ghalhekk ma jistghax irregghu lura u jitlob il-legittima.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ din l-eccezzjoni kif impostata.

Il konvenuti qed jirriferu ghal fond 52 Simmons Avenue, Tarxien. Dan il-fond kien gie mholli b’legat minn Antonia Bonnici lil Fortunato Bonnici. Wiehed ma jridx jinsa illi Antonia Bonnici halliet kwart tal-beni taghha lil Dante Bonnci bl-uzufrutt fuqhom. Ghalhekk mill-mewt ta’ Antonia Bonnici, Fortunato Bonnici wiret minghand ommu tlett

kwarti tal-imsemmi fond soggett ghall-uzufrutt ta' Dante Bonnici.

Jirrizulta mill-atti illi meta saret l-immissjoni fil-pussess tal-legati mholija minn Antonia Bonnici u fejn dehru fuq dan il-kuntratt Dante Bonnici u wliedu, jidher illi saret l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija minn Antonia Bonnici fosthom lil Fortunato Bonnici. Fl-istess kuntratt Dante Bonnici ttrasferixxa wkoll lil Fortunato Bonnici l-uzufrutt li Dante Bonnici kien igawdi fuq il-fond 52 Simmons Avenue, Tarxien. Dan il-kuntratt sar fis-6 ta' Gunju 1991 atti Nutar Pierre Cassar (ara fol. 306 et seq. tal-process).

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti illi Dante Bonnici kien irrinunzja ghas-sehem tieghu mill-wirt ta' martu fuq il-fondi 67 Two Gate Street, Senglea u 52 Simmons Avenue, Tarxien meta ghamel flimkien ma' uliedu l-ohra l-immessjoni fil-pussess. Imkien fil-kuntratt imsemmi ma hemm dikjarat li Dante Bonnici qed ibiegh, jassenja, jiddona jew b'xi mod jirrinunzja ghal xi dritt fuq il-proprjetajiet imsemmija. Jista' jkun li l-kliem uzat fil-kuntratt ta' immissjoni mhux felici ghal ahhar pero bl-ebda mod ma jekwivali ghal xi rinunzja. Dal resto hadd ma jista' jirrinunzja ghal titolu ta' proprjeta hlief bil-metodi li taghti l-ligi. Ghalhekk jidher li Dante Bonnici ma trasferixxa xejn minn dak li rceva minghand martu bit-testment taghha. Dawn l-argumenti u ohrajn fuq il-portata tal-kuntratt tas-6 ta' Gunju 1991 gia gew maghmula aktar lura f'din is-sentenza fuq kwistjoni relatata.

Jidher pero illi Fortunato Bonnici, b'mod li ma jirrizultax car, biegh il-fond intier 52 Simmons Avenue, Tarxien lil terzi b'kuntratt datat 17 ta' Gunju 1991 atti Nutar Pierre Cassar (ara fol. 444 et seq. tal-process Dok VB13).

Ghalkemm jidher illi Fortunato Bonnici biegh l-intier tal-fond 52 Simmons Avenue, Tarxien, pero fil-mument ta' dan il-bejgh, Dante Bonnici kien ghadu haj u ghalhekk il-legat skond it-testment tieghu kien ghadu mhux operabbli u konsegwenza ta' dan jidher ghalhekk li Fortunato Bonnici fil-mument tal-bejgh, biegh parti minn proprjeta

(cioe ¼) li ma kienitx tieghu. Ma jistghax jigi accettat l-argument tal-konvenuti illi hu biegh legat ghax dan il-legat ma kienx ghadu in vigore. Il-konsegenzi legali li jinsorgu minn dan it-trasferiment huma differenti minn dak li qed jipprospettaw il-konvenuti billi ma jistghax jinghad illi Fortunato Bonnici ddispona minn legat peress li fiz-zmien li ddispona mill-fond, missieru kien ghadu sid ta' dak il-kwart.

Mandankollu din il-Qorti thoss ili tali trasferiment tal-kwart indiviz li kien jappartjeni lil Dante Bonnci ma ghandux isir a skapitu tal-eredi li llum suppost huma intitolati ghal dak il-kwart, billi Fortunato Bonnici irrinunzja ghall-wirt ta' missieru. Pero la darba dan il-kwart inbiegh qabel il-mewt ta' Dante Bonnici ma jistghax jitqies li ghadu jifforma parti mill-gid ta' Dante Bonnici billi ma kienx jezisti bhala assi fil-mument tal-mewt tieghu.

Pero il-Qorti tqis li la darba Fortunato Bonnici ghandu fil-pussess tieghu rikavat minn proprjeta li tappartjeni lill-eredi u mhux lilu, dan ghandu jirrifondi l-indebitu, billi jitnaqqas minn dak dovut lilu bhala legittma. Jirrizulta li Fortunato Bonnici biegh il-fond bil-prezz ta' Lm8,000 fl-1991 cioe €18,640 u allura l-kwart li jappartjeni lill-konvenuti hu ta' €4,660. Ma dan l-ammont ghandu jizdied l-imghax li din il-Qorti tqis gust li jkun ta' 5% fuq il-valur mis-17 ta' Gunju 1991 sad-data tas-sentenza cioe 21 sena cioe €4,893. Dan igib l-ammont li jrid jigi rifuz ghal €9,553 li ghandha titnaqqas minn sehem Fortunato Bonnici.

Ghandu jiddahhal pero fil-wirt ghal fini ta' komputazzjoni tal-legittima s-somma ta' Lm3,000 (€6,990) li Dante Bonnici ddona lill Fortunato Bonnici u li jirrizulta mill-kuntratt tal-14 ta' Lulju 1991 (ara fol. 438 et seq. tal-process Dok. VB11)

Fir-raba eccezzjoni l-konvenuti jghidu illi fil-passiv tal-assi ta' Dante Bonnici ghandhom jiddahhlu l-legati li Dante Bonnci halla u li ghamilhom bhala hlas ghas-servigi.

L-artikolu 1739 tal-Kapitolu 16 jipprovdi li jekk id-donazzjoni ssir bi hlas ta’ xi xoghol li ghalih id-donatarju kellu jedd ta’ azzjoni, ir-regoli dwar id-donazzjonijiet ma jezistux hlief meta l-valur tal-haga moghtija b’donazzjoni tkun izjed ghall-inqas bin-nofs mill-hlas li jkun haqqu dak ix-xoghol u dwar dan iz-zejjed biss. Fil-kawza **Lucia Bonnici vs Gio Maria Spiteri** (PA 13/01/1948) intqal li l-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk ghall-hlas tas-servizi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk ghas-servigi d-donanti ma kienx hlief sotto-post lejn id-donatarju ghal dover morali ta’ rikonoxxenza. Fit-tieni kaz id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigward taghha kollha dispozizzjoni purament gratuwita; fl-ewwel kaz id-donazzjoni hija generalment, ta’ natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggovernaw id-donazzjonijiet oneruz.

Bla dubju l-principju hu illi f’kaz ta’ servigi ma hemmx il-prezunzjoni ta’ gratuita. Il-konvenuti jsehhilhom jippruvaw illi d-donazzjonijiet moghtija lilhom fil-vesti ta’ legati kienu fil-fatt rimunerazzjonijiet oneruzi. Helen Agius tallega fl-affidavit taghha li kienet tonfoq flus ghal tobba ta’ missierha minn butha (ara fol. 515 tal-process) u ssemmi diversi cheques li harget ghal dan l-iskop. Pero din l-allegazzjoni mhix sorretta minn xi prova soda oltre l-kelma taghha u in ogni kaz hi tammetti illi missierha kien jaghtiha certu ammont ta’ flus kull xahar bejn Lm60 u Lm90. Victor Bonnici ukoll jixhed illi ghamel b’circa Lm15,000 f’manutenzjoni fid-dar tal-genituri apparti li kien ihallas ukoll ghal xi bzonniijiet medici ta’ missieru. Hawn ukoll ma ngiebet ebda prova ta’ dan u fi kwalunkwe kaz Victor Bonnici kien koproprjetarju tal-fond 16 St. Anthony Street, Zebbug mal-mewt ta’ ommu Antonia Bonnici u jekk ghamel tiswijiet ghamilhom fl-interess tieghu wkoll bhala proprjetarju flimkien ma’ Dun Francis Bonnici.

Meta tqis il-valur ta’ dak li hadu f’legati Helen Agius u Victor Bonnici u l-fatt li huma baqghu jghixu fil-fond tal-genituri bla hlas jidher illi ma kien hemm xejn oneruz fil-legati izda kienu l-frott tal-benevolezza u rikonoxximent morali tal-missier lejn uliedu. Ma jfissirx b’daqshekk illi din il-Qorti teskludi li kemm Victor u Helen kienu jonfqu ghal

certi affarijiet minn buthom pero ma ntweriex illi dan l-infieq, jekk sar, kien intiz bhala servigi u li ghalih thallsu bil-legati msemmija. Del resto Michael Bonnici wkoll jallega li kien jaghti l-flus lil missieru u kkontribwixxa ghal manutenzjoni tal-fond residenzjali tal-genituri tieghu pero hawn ukoll ma ngiebet ebda prova.

Fil-passiv jidher li hemm pero is-sehem tat-tlieta minn tmienja tal-fond 15A St. Anthony Street, Zebbug li Dante Bonnici jiddikjara fit-testment tieghu tal-1980 li kien jaf li mhux tieghu. Dan is-sehem hu valutat mill-perit tal-Qorti €15,750 u jrid jitnaqqas mill-assi ta' Dante Bonnici billi din il-Qorti tqisu bhala debitu tal-wirt.

Ma ngiebu ebda provi ohra dwar il-passiv tal-missier almenu minn dak li jirrizulta mill-atti.

Ghalhekk jidher illi l-attiv fil-patrimonju ta' Dante Bonnici meta miet kien ta' €503,733.16 (€519,483.16 - €15,750. Is-sehem rizervat tal-atturi hu ta' wiehed minn tnax (1/12) kull wiehed minnhom cioe €41,977.76.

Jidher li Fortunato Bonnici akkwista b'donazzjoni minghand missieru s-somma ta' €6,990 moghtija bil-kuntratt tal-14 ta' Lulju 1991 u ghandu jrodd lill-konvenuti s-somma ta' €9,553 bhala indebitu ta' bejgh li parti minn fond iehor jappartjeni lil Dante bonnici u llum l-eredi tieghu cioe l-konvenuti. Ghalhekk gie lez lilu d-dritt ghal legittima fl-ammont ta' €25,434,76 f'liema somma din il-Qorti qed tinkludi l-imghax sad-data ta' din is-sentenza u dan in vista li l-valutazzjoni tal-perit tekniku ma tirreferix ghad-data tal-mewt ta' Dante Bonnici u x'aktarx ghalhekk saret skond il-prezzijiet vigenti fid-data tal-istima.

In kwantu ghal Michael Bonnici, ma jidhirx li bbenefika minn donazzjonijiet minghand il-missier f'hajtu u ghalhekk hi dovuta lilu s-somma intera ta' €41,977.76 li wkoll jinkludi l-imghax sad-data tas-sentenza.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici in kwantu kompatibbli ma' dak hawn fuq deciz u tordna illi kull wiehed mill-atturi jithallsu minghand il-konvenuti flimkien is-somma ta' hamest elef euro (€5,000) in piena u assoluta sodisfazzjon ta' kull sehem u interess li kien fadlilhom fl-assi indivizi ta' ommhom Antonia Bonnici.

In kwantu ghar-raba sa sitt talbiet attrici, tiddikjara illi hi dovuta il-legittima lill-atturi liema legittima qed tigi likwidata fis-somma ta' €25,434,76 favur l-attur Fortunato Bonnici u €41,977.76 favur il-konvenut Michael Bonnici liema somom ghandhom jithallsu mill-konvenuti lill-atturi u dan in piena w assoluta sodisfazzjon tal-legittima spettanti lill-atturi.

L-imghax jibda jiddekorri mis-sentenza.

Stante l-kwistjonijiet kollha involuti f'din il-vertenza u komplikazzjonijiet legali li insorgew l-ispejjez tal-kawza jithallsu fi kwota indaqs bejn il-partijiet kollha, nonostante li solitament fi kwistjonijiet purament ta' legittima l-ispejjez jithallsu mill-eredi pero li f'dan il-kaz il-Qorti tqis li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha minhabba n-natura tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------